MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1197/2003

**Charles Debono**

**Vs**

**Dominic Chircop u Venus Chircop**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm360 (tlett mija u sittin lira Maltin) rapprezentanti zewg skadenzi ta' kera hekk kif spjegat fl-Avviz.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuti qalu li l-ammont mitlub mhux dovut u dan stante illi ghamlu diversi pagamenti.
Ra z-zewg ircevuti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Charles Debono li jikkonferma l-kuntratt mal-konvenuti kif ukoll li l-ammont ma giex imhallas mill-konvenuti. Jikkonferma wkoll li l-firem fuq iz-zewg ircevuti li esebixxew il-konvenuti m'humiex tieghu. Jghid ukoll li l-kitba ta' l-ircevuti m'hijiex tieghu lanqas. Jichad li kien mar fuq il-post tax-xoghol tal-konvenuti sabiex jiffirma xi dokumenti.

Jghid li darba kien iltaqa' mal-konvenut u kien qallu li ser ihallsu meta jkollu l-flus. L-Ispettur Bernard Zarb kien baghat ghall-attur sabiex ikellmu fuq kont tad-dawl li ma kienx hallas il-konvenut.

Ra x-xhieda ta' Dominic Chircop fejn jikkonferma l-ircevuti esebiti bil-firma ta' l-attur. Jghid li l-originali kienu mwahhlin mal-kuntratt li kien ta lill-attur. Chircop jghid ukoll li l-mara tieghu kitbet dawn l-ircevuti.

Ra x-xhieda u r-rapport ta' l-Espert Tekniku Joseph Gaffiero fejn isostni u jikkonferma illi z-zewg firem li jaqraw D. Chircop u C. Debono fuq iz-zewg ircevuti huma kollha fotokopji mill-firem ta' fuq il-kuntratt. Il-Perit Tekniku jiddikjara illi z-zewg ircevuti huma foloz.

Billi huma l-konvenuti li jridu jippruvaw il-pagament u billi jirrizulta li l-ircevuti pprezentati minnhom huma foloz, jirrizulta li l-konvenuti ma gabux prova tal-pagament u ghalhekk dan it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenuti.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundana lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' Lm360 (tlett mija u sittin lira Maltin) lill-attur bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-10 ta' Lulju, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------